MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 461/2011

Socjeta' 360 Food Import Limited (C-46590).

Vs

Gina Saliba.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' mija u tmenin ewro u erba u sittin centezmu (€180.64) minghand il-konvenuta, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilha. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Jannar 2011 u tal-ittra legali tal-5 ta' April 2011 u bl-imghax tat-8% mill-20 ta' Jannar 2011 sal-hlas effettiv inkluz Ewro 23.30 konsult, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-[pTribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' mija u tmenin ewro u erba u sittin centezmu (€180.64), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------